# 41. Il-Hena tas-Smewwiet

Nistħajjel, ja Smewwiet, li meta teħles
mid-dawl tax-xemx u d-dawl tal-qamar mimli,
u ssir sultan waħdien tal-lejl u d-dlam,
xħin tibda tixgħel il-kewkbiet kburija,
bħal Venus jew Saturnju jew Merkurju,
u l-ġlejjeb kwiekeb żgħar u triq Sant'Anna,
nistħajjel li ġo qalbek tmewweġ mewġa
kbira ta' ferħ, bħal dik li tmewweġ kbira
fil-qalb ta' kull kebbies ta' kull mixegħla.

Kemm int ferħan Smewwiet bil-kwiekeb tiegħek!
Min jista' jfisser l-hena ta' ġo qalbek
hekk kif għaddej issiefer ġewwa l-wisħa
bil-kwiekeb mixgħulin igħannu l-għanja
tal-armonija!